**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta 10 ta’ Lulju, 2018.**

**Talba Nru: 122/2018PA**

**GO plc**

**vs**

**Charmaine Serra**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-3 ta’ April 2018 li permezz tiegħu s-soċjeta’ attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta’ ħames mija u tnejn u ħamsin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€552.51ċ) dovuti in konnessjoni ma’ servizzi provduti minnha lill-konvenuta bil-kont numru 40240400, bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 1210/16, u bl-imgħaxijiet.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta’ attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kontijiet mertu ta’ din il-kawża; (ii) kopja tal-kuntratt li l-konvenuta kellha mas-soċjeta’ attriċi (Dok. B); (iii) estratt mir-Reġistru Elettorali li juri l-indirizz dikjarat tal-konvenut (Dok. C); u (iv) kopja tal-ittra uffiċjali eżekuttiva bin-numru 1210/2016 (Dok. D).

Ra li l-konvenuta kienet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, u filwaqt li ma ppreżentatx Risposta, dehret quddiem it-Tribunal u ammettiet it-Talba. Il-konvenuta ddikjarat ukoll li għandha bżonn żmien biex tħallas l-ammont dovut permezz ta' pagamenti mensili ta' ħamsin Ewro (€50) 'l wieħed.

Ra li fl-udjenża tad-19 ta' Ġunju 2018, is-soċjeta' attriċi ppreżentata nota ta' riduzzjoni li permezz tagħha rriduċiet it-Talba tagħha għas-somma ta' erba' mija u tnejn u ħamsin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€452.51ċ), oltre l-imgħax u l-ispejjeż.

Ra illi fis-26 ta' Ġunju 2018, is-soċjeta' attriċi ppreżentata nota oħra ta' riduzzjoni li permezz tagħha rriduċiet it-Talba tagħha għas-somma ta' erba' mija u tnejn Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€402.51ċ), oltre l-imgħax u l-ispejjeż.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta' attriċi tirriżulta ampjament pruvata, bl-ammissjoni tat-Talba kif ridotta mill-konvenuta.

Jidhirlu inoltre li, fiċ-ċirkostanzi, għandu jagħti żmien lill-konvenuta sabiex tħallas l-ammont dovut.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta' erba' mija u tnejn Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€402.51ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba, liema ħlas għandu jsir mill-konvenuta permezz ta' pagamenti mensili ta' ħamsin Ewro (€50) 'l wieħed, fl-aħħar jum ta' kull xahar, b'dana li jekk il-konvenuta tibqa' moruża fil-ħlas ta' pagament, anke wieħed, wara d-data hawn stabbilita, il-bilanċ tas-somma dovuta jsir eżiġibbli minnufih.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**